KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 18 — Tlieta 19 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta Microsoft Teams fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsilliera
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsilliera
Shirley Abela – Kunsilliera
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
N/A

ASSENTI
N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

MISTIEDEN:
Daniel Galea - Accountant

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Ma kienx hemm qari ta' ittri ta' apoloġiji.

18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 16

REF: 11.4.15 PAMA

Is-Sindku nfurmat li l-*handyman* tal-Kunsill irnexxilu jkellem Perit ieħor li huwa kollega tal-Perit Buhagiar, biex issa din il-ġimgħa jiġi jiċċekkja taħt is-saqaf, wara li r-rapport tat-Terracore juri li s-saqaf jidher tajjeb, u l-Perit Buhagiar talab biex jkun jista' jiċċekkja taħt.

REF: 12.3.10 Kommunikazzjoni - I Care System

Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsilliera Cassar u Bonnici, u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqaw għal-*brainstroming session*, fejn ġie diskuss x'nixtiequ bħala sistema tal-*customer care* u mowbajl app. Il-punti li tqajmu ħa jiġu diskussi mar-reġjun biex tiġi f'finalizzata l-app u l-website, li ħa tkun abbinata wkoll ma sistema tal-*customer care.*

REF: 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana

Is-Sindku nfurmat li għaddiet id-dettalji lir-reġjun, però għad trid titkellem ma Infrastructure Malta, biex waħda mil-*cameras* ssir magħhom.

REF: 14.3.1 Ġnien Reġġie Cilia

Is-Sindku staqsiet jekk irċevejniex lura mil-Lands dwar id-Devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejna u ħa terġa tibgħat *reminder.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 16 .
Minuti Nru 17 ma kienx hemm, peress li laqgħa li kellha ssir fit-12 ta' Mejju 2020 ma saritx minħabba qtugħ fil-provvista tad-dawl, u ġiet posposta għad-19 ta' Mejju 2020.

REF: 16.3.3 Kors għal-Anzjani

Il-Kunsilliera talbu biex nċemplu uħud mil-applikanti biex jikkonfermaw jekk diġà bdew il-kors.

Fis 6:30 ikkonektjaw għal-laqgħa il-Kunsilliera Rapa u l-Viċi Sindku.

REF: 16.3.4 Outdoor Gym Zokrija

Is-Sindku nfurmat li DNO ħareġ u x-xogħol tkompla.

REF: 11.4.15 PAMA

Il-Kunsillier Cassar xtaq jfakkar biex ma ninsewx l-pjanta dwar l-funtana ta' l-Iljun. Is-Sindku nfurmat li ċemplet lil Perit tal-Pama l-ġimgħa li għaddiet, u nfurma li ħa jerġa jiċċekkja mas-Supretendent tal-Cultural Heritage.

Il-Kunsillier Cassar staqsa wkoll dwar il-ktieb, u s-Sindku nfurmat li talbet lil-kunsillier Camilleri biex jgħinha.

**REF: 14.5.2 Junction Upgrading Independence Avenue ħdejn il-Kappella ta’ San Silvestru**

Il-Kunsillier Cassar nforma li skont l-aħħar laqgħa l-Viċi Sindku kellu jibgħat l-pjanti lil-Kunsilliera, però dawn ma ntbagħtux. Il-Viċi nforma li minflok bagħtom lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-pjanti ġew mtela onlajn waqt il-laqgħa bħala Appendiċi A (pjanta oriġinali) u Appendiċi B (pjanta reveduta skond l-aħħar laqgħa tal-Kunsill numru 17).

Il-Viċi Sindku nforma li peress li triq arterjali u proġett qed jsir min Infrastructure Malta ma ssirx konsultazzjoni mal-pubbliku, imma l-pubbliku xorta jista’ jitfa ir-rappreżentazzjoni tiegħu għax l-applikazzjoni tgħaddi mil-Planning Authority.

Il-membri preżenti approvaw l-pjanta reveduta Appendiċi B, kif wkoll;

- biex tiżdied *zebra crossing* fejn il-kappella
- jiġu miżjuda u estiżi l-*orange bollards* li diġà hemm
- jsir *boundary wall*, bankina u parkeġġ (man naħa: direzzjoni lejn Triq San Pawl tal-Qlejja)

**REF: 16.3.2 Triq Ruzar Briffa**

Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk sarx l-iscarifying material, sakemm issir it-triq mil-Gvern Ċentrali. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saret il-Works Order.

Il-Viċi Sindku qasam mal-Kunsilliera ritratti taż-żona fejn hemm żewġ blokkok kbar qed jinbnew, u nforma li Infrastructure Malta ma jagħmlux it-toroq qabel ma jitlesta l-kostruzzjoni.

Fis-7:30pm saret sospensjoni ta’ l-aġenda biex jiġu diskussi u approvati *item* 18.5.5 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2019, u *item* 18.5.6 Quarterly Financial Report 1-January-March 2020

**REF: 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**

Is-Sindku nfurmat li ġie ċċirkulati *draft* tat-tender tal-Contracts Manager biex l-Kunsilliera jibgħatu l-Kummenti tagħhom u staqsiet jekk kienx hemm iktar *feedback.*

Il-membri preżenti qablu li fuq it-*tender document* jiżdiedu dawn il-klawżoli:

- Contracts Manager jried jkollu *replacement* f’kaz ta’ *sick* jew *leave*.
- 40 siegħa maqsumin mit-Tnejn sas-Sibt, bil-Ħadd jkun *overtime*, u skond l-eżiġenzi tal-Kunsill.
- 6 xhur *probation*.
- CM jrid jipprovdi *log sheet* tax-xogħol li jsir matul l-ġimgħa, kif wkoll *monthly log sheet*.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-laqgħa tibqa għaddejja u jinqabżu t-tlett sigħat.

Fid 9:05pm il-Kunsillier Cassar talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 18.3.1- Komunikazzjoni- Ċirkulari SPI 12 2018 - Skema Finanzjarja favur il-Komunità - Ħajja aħjar b'Eżerċizzju Fiżiku u Sports

Is-Sindku nfurmat li dawn il-fondi ta' madwar 2,500 Ewro ma ġewx approvati.

### 18.3.2 Komunikazzjoni LED Solar Belisha lights for Vjal il-Qalbiena Mostin

Is-Sindku preżentat lil-membri preżenti il-kwotazzjoni għal-*belisha lights* fi Vjal Qalbiena Mostin ta' 2,596 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw din il-kwotazzjoni.

### 18.3.3 Komunikazzjoni Bye Laws Ġonna u Ħamiem

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-*bye laws* tal-ħamiem u tal-ġonna ġew ċċirkulati għal *feedback* tal-Kunsilliera.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-*bye-law* tal-ħamiem, kif wkoll tal-ġonna b'dawn it-tibdiliet:

- NGO's, VO's u gruppi reliġjużi reġistrati l-Mosta, il-prezz jkun għad diskrezzjoni tal-Kunsill.
- *Pre-wedding* u *wedding photo shoots* biex jiżdiedu.
- Titneħħa 'except First Holy Communion and Confirmation'.
- L-ewwel kolonna €35 non-commercial titneħħa.
- Il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, mhux parti min din il-*bye-law.* Din eventwalment tinħareġ *bye-law* għalija.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta.

### 18.3.4 Komunikazzjoni - Decorative lamps list/ Street Luminaries

Is-Sindku tellgħet il-pjanta fejn qed jiġu proposti id-*decorative lamps.*

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-pjanta fejn qed jiġu proposti id-*decorative lamps* dawk li jitwaħħlu mal-ħitan. Kif wkoll titkompla l-parti tat-triq Dun Mikiel Xerri, u jsiru t-toroq min fejn tgħaddi l-festa ta' Santa Marija u l-Ġimgħa l-Kbira.

### 18.3.5 Komunikazzjoni - Sta. Margerita - toroq tal-madwar

Is-Sindku nfurmat li Transport Malta approvaw li jsiru l-*parking bays* fit-toroq tal-madwar il-*playing area* ta' Santa Margerita, li huma Triq il-Kwies, Triq il-Fdalijiet Preistoriċi, Triq l-Imsiebaħ u Triq Dun Gwann Pullicino.

Transport Malta ssuġġerew li ċertu toroq jkunu *one-ways circular* biex jkun hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħat, jew parkeġġ fuq naħa waħda jekk il-Kunsill jiddeċiedi li t-toroq jibqaw *two-ways*.

Il-Kunsilliera qablu li ż-żona kollha ta' Sta. Margerita jrid isir *traffic management study* biex kolla tiġi *one-way circular.*

Is-Sindku ħadet nota biex titkellem ma tal-Public Transport minħabba li l-Kunsilliera ssuġġerew li tersaq waqfa tal-linja.

### 18.3.6 Komunikazzjoni - WO-2020-5214, GT-2020-5337: RWP1.656.20, CEW- Go Cabinet

Il-Viċi Sindku nforma li GO talbu permess biex jsir *cabinet* fi Triq fejn hemm l-iskola ta' Santa Monica. Il-Viċi Sindku tella ritratt tal-bankina u kif qed jiġi ssuġġeriet li tikber il-bankina biex il-*cabinet* tal-GO kif wkoll il-*cabinet* tal-MaltaPost li diġà hemm, ma jkunux ta' ostaklu għal persuna b'diżabilità kif wkoll persuni li jgħaddu bil-*pushchairs*.

Fuq l-istess tema il-Kunsillier Camillieri, spjega li hemm problema simili dwar bankina faċċata tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu fejn hemm *cabinet* tal-GO li qed jostakola mhux ftit. Għalhekk, issuġerixxa li titwessa l-bankina b'tali mod li tmewwet ukoll il-*blind spot* li teżisti fil-kantuniera ma Triq Stivala.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li titwessa l-bankina fi triq fejn hemm l-iskola ta' Santa Monica, kif wkoll l-bankina faċċata tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu fejn hemm *cabinet* tal-GO.

### 18.3.7 Komunikazzjoni – Tat-Targa Battery Utility Meters

Il-Kunsillier Cassar nforma li l-Kunsill kien qabel biex il-kontijiet jitħallsu mit-2015 il-quddiem, għalhekk staqsa min meta ħadu f'idejhom l-iscouts tat-Tarġa Battery.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara deċiżjoni tal-Kunsill li kontijiet jitħallsu mit 2015, il-Lands qablu mad-deċiżjoni biex nħallsu mit-2015. L-iscouts skond l-*agreement* jridu jħallsu l-parti tagħhom min Frar ta' l-2016. Dan ġie konfermat min imejl li bagħat il-Kunsillier Cassar moqrija mil-Kunsilliera Bonnici.

Fid 10:30pm il-Kunsilliera Shirley Abela talbet biex tiġi skużata mil-laqgħa.

### 18.3.8 Komunikazzjoni – Bowsers ta' l-ilma Housing Estate

Is-Sindku ressqet għal-approvazzjoni biex bħal kul sena l-Kunsill jipprovdi għat tlett xhur tas-sajf, żewġ *bowsers* ta' l-ilma min erba', biex jimtlew it-tankijiet żgħar ta' l-ilma tal 100 litru u li ma jaqbżux il-200 litru, li hemm mal-konki pubbliċi, fejn qed jinżergħu il-pjanti mir-residenti. It-tankijiet ta' l-ilma jinsabu f'dawn it-toroq:

- Konki fi Triq l-Istiratur (bejn Triq il-Planeċ u Triq il-Gardjoli)
- Pjazzetta bejn Triq l-Istiratur u Triq id-Dawr.
- Pjazzetta f'ta' Mlit ma Triq il-Gżari

Iż-żewġ *bowsers* l-oħra qed jiġu pprovduti mil-kuntrattur skont il-kuntratt tat-tisqijja.

### 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

#### 18.4.1 Kuntrattur ġbir ta' skart

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li l-ilmenti fuq il-ġbir tal-boroż ta' l-iskart hemm bżonn jsir xi ħaġa, għax ir-residenti jgħidu mod, u meta nirrappurtaw il-kuntrattur jgħid mod ieħor. Is-Sindku nfurmat li meta ċċempel lil kuntrattur fuq boroż li ma jkunux inġabru, jmur jiġborhom, u bir-risposta li jgħatti l-kuntrattur trid toqgħod la għalissa m'għandhiex il-Contracts Manager jagħmel *spot checks.*

Il-Kunsilliera Bonnici żiedet tgħid li l-ilmenti ta' spiss huma, li jitħallat lis-skart, u jħalli l-boroż madwar tlett sigħat ġo kantuniera, x'ħin iċċempel lil kuntrattur jgħidlek mhux veru, kwarta jkun ilu, u għalhekk lil min ħa nemmnu? Meta jkun l-istess ilment u ta' spiss iktar temmen lir-resident.

Il-Kunsillier Howard żied jgħid li meta r-residenti jilmentaw li l-kuntrattur qed jħallat l-iskart, hu stess ra lil-Kuntrattur, jiġbor l-iskart fuq ġenb u jitfaw ġo trakk ieħor li jkun warajħ. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li mit-trakkijiet li għandu l-kuntrattur, trakk minn tal-kuntrattur jaħdem tajjeb, u ieħor jidher li le. Kif wkoll qed jgħaddi qabel it-8 ta' fil-għodu.

Il-Kunsillier Gatt nforma, li min triq Mattew Callus qed jgħaddi qabel it-8 u mhux vera qed jerġa jgħaddi jiġbor l-iskart, kif qed jinfurmawna l-Kuntrattur. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li fi triq il-Parroċċa wkoll, mhux vera jerġa jgħaddi.

Is-Sindku nfurmat li kif jkollna il-Contracts Manager, ħa jkun qed jibda jagħmel *spot checks.*

#### 18.4.2 Kuntrattur ġbir ta' skart

Il-Kunsillier Micallef talab għal-approvazzjoni ta' kwotazzjoni ta' 200 Ewro (inkluż VAT) għal-erba' sigħat, biex fiż-żona ta' Sta Margerita, jkun hemm attività ta' erba' min-nies lebsin ta' karattri ta' Disney biex jferrħu t-tfal, f'dawn iż-żminijiet li qegħdin ġewwa. Dawn ħa jkunu qed jimxu fit-triq, u t-tfal jarawhom mil-gallariji tar-residenzi tagħhom.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni ta' 200 Ewro.

### 18.5 Rapporti

#### 18.5.1 Aġġustamenti tal-Financial Statements 2019

L-Accountant Galea spjega u ta' rendikont tal-Financial Statements 2019, li ġew preżentati fi Frar li għadda u kienu *un-audited*, u issa ġew *audited* u saru l-aġġustamenti skond dak li pproponew l-awdituri.

Paġna 4 -Statement of Comprehensive Income fejn wara li saru l-*audits* il-Kunsill spiċċa s-sena b'żieda oħra ta' tfaddil ta' 36,026 Ewro.

-Fondi li rċevejna mil Gvern Ċentrali 1,429,363 Ewro

-Dħul min Bye Lawa 35,555 Ewro

-Dħul mil-LESA 13,053 Ewro

-Dħul Ġenerali 86,047 Ewro

Total ta' dħul 1,567,018 Ewro mqabbel ma ħruġ ta' 1,531,395 Ewro magħmulin min:

-Pagi 241,282 Ewro

- Operazzjonijiet u Manutenzjoni 852,165 Ewro

-Nefqa Amministrattiva u Oħrajn 437,948 Ewro

L-Accountant Galea kompla jispjega x'kienu l-aġġustamenti li saru skond dak li pproponew l-awdituri, fejn l-unika aġġustament li jaffetwaw in-numri kien l-ammont ta' 73,718 Ewro li bih naqas id-dħul (*income*). Kull xahar il-Kunsill jiġi *invoiced* mil-Wasteserv ta' kemm jidħol skart fil-*landfills,* il-Kunsill jħallas lil Wasteserv skond l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi mil-Gvern Ċentrali, u d-differenza titħallas mid-DLG lil Wasteserv is-sena ta' wara. L-Accountant Galea nforma li l-accounts jinħadmu b'dak li nsejħulu *accrual concept,* jiġifieri dak id-dħul li daħal jew ma daħalx, jiddaħħal fi-sena ta' wara. Sal 2018 il-Kunsill dejjem hekk ħadem u l-awdituri dejjem talbuna biex naħdmu b'dan il-mod. Issa għandna awdituri ġodda u talbuna li l-ewwel nistennew li l-flus jgħaddu mid-DLG lil Wasteserv qabel ma nirrikonoxxu dak l-*income.* Għalhekk is-73,718 Ewro li daħħalna fl-2019, qalulna biex jidaħħlu fl-accounts tat-2020.

Il-Kunsill spiċċa s-sena 2019 b'FSI ta' 57%, *net current assets* ta' 738,601 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-Aġġustamenti tal-Financial Statements 2019.

### 18.5.2 Quarterly Financial Report 1: January-March 2020

L-Accountant Galea spjega n-numri ta' l-ewwel tlett xhur, fejn il-Kunsill ippjana baġit ta' 1,600,000 Ewro, u sa Marzu d-dħul kien jammonta għal 400,000 Ewro. L-akbar dħul huwa mil-Gvern Ċentrali u l-ammont li daħal u skond kif kien ipproġettat.

Bħala nefqa kien ipproġettat li nonfqu 1,552,237 Ewro fis-sena, u għal ewwel tlett xhur in-nefqa kienet ta' 398,364 Ewro. Paġna 7 tad Detailed Income hawnhekk il figuri juri li qegħdin *in-line* ma dak li ġie ibbaġitjat.

Spejjez ta' pagi kellna baġit ta' 353,643 Ewro f'sena u s'issa n-nefqa ta' l-ewwel *quarter* kienet ta' 72,317 Ewro. Din id-differenza hija minħabba li s-sejħa għal-impjegati ġodda għada ma saritx minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19.

Operations and Maintenance li ħafna minnhom huma spejjez kuntrattwali, fejn kellna baġit ta' 1,008,700 Ewro f'sena u s'issa n-nefqa ta' l-ewwel *quarter* kienet ta' 258,924 Ewro. Hawnhekk dejjem niltaqaw ma l-istess problema fejn għanda kontijiet b'lura mil-Perit tal-Kunsill u ż-żewġ kuntratturi li jkollu bżonn jiċċertifika ix-xogħol tagħhom.

Administration and Maintenance kellna baġit ta' 70,500 Ewro f'sena u s'issa n-nefqa ta' l-ewwel *quarter* kienet ta' 10,628 Ewro.

Natura Kapitali id-Depreciation Schedule f'paġna 11 sar investiment ta' ċirca 55,182 Ewro.

Paġna 5 Statement of Financial Position: Fixed Assets x'kellu *depreciated* il-Kunsill sa l-aħħar ta' Marzu 636,811 Ewro.

Receivables huma l-Kunsill x'għandu jirċievi li jammonta għal 137,230 Ewro.

Il-membri preżenti unanimament approvaw Quarterly Financial Report 1: January-March 2020.

Il-Kunsillier Camilleri flimkien mall-Kunsilliera rringrazzjaw lil l-istaff tal-Kunsill.

## 18.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 18.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 103.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 15 ta' April sat-12 ta' Mejju 2020.

### 18.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 18.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 18.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' April 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 18.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fil-11:20 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-9 ta' Ġunju 2020.

Konfermati llum 19 ta' Mejju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |